MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2009

Numru 664/2007

**Il-Pulizija**
**Sp Jesmond Borg**
**vs**
**Antoine Cassar**
**Kevin Portelli**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra**

**Antoine Cassar ta' 29 sena iben Carmelo u l-mejta Maria Concetta nee' Grech mwieled Pieta fid-19 ta' Dicembru 1977 u joqghod Flat 1 St Anthony Court, Triq l-Gharkux, Zabbar, ID 77478M.**

**U**

**Kevin Portelli ta' 30 sena iben John u Rita nee' Silvio mwieled Pieta fit-2 ta' Awissu 1977 u residenti 268 Triq Haz Zabbar Rahal il-Gdid, ID 371477M.**

**1. Akkuzati talli filwaqt li kienu fi Triq il-Qalb ta' Gesu Rahal il-Gdid nhar l-14 ta' Mejju 2007 ghall-habta tas-7.15am, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu il-hajja ta' Mark Lawrence Rizzo minn Rahal il-Gdid f'periklu car, kkagunawlu ferita ta' natura gravi, hekk kif certifikat minn Dr Nadia Sciberras MD (Med Reg 5046), it-tabiba tad-Dipartiment ta' l-Emergenza ta' l-Isptar San Luqa, liema ferita ggiblu d-debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjonji ta' xi parti tal-gisem jew difett permanenti f'parti ta' l-ghamla tal-gisem u dan bi ksur ta' l-Artikoli 216(1) (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**2. Talli fl-istess data, hin u lok hebbew kontra l-persuna ta' Mark Lawrence Rizzo sabiex jingurjawh jew jaghmlulu hsara u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**3. Talli fl-istess data, hin u lok ingurjaw u heddu lil Mark Lawrence Rizzo u dana bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**4. Talli fl-istess data, hin u lok qalu fil-pubbliku kliem oxxen u ndicenti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**
**5. Talli fl-istess data, hin u lok, volontarjament kisru il-buon ordni u l-kwiet pubbliku u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**U Kevin Portelli wahdu akkuzat talli fl-istess cirkostanzi, sar ricediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati ta' Matla, liema sentenzi saru definittivi.**

**Rat l-atti l-atti kollha tal-process inkluzi ic-certifikati tat-twelid ta' l-imputati, il-fedini penali taghhom, l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali permezz tan-nota tieghu tat-2 ta' Mejju 2008, ic-certifikati rilaxxjati dwar l-effetti medici li kien hemm u kif wkoll rat l-ammissjoni taghhom maghmula seduta stante fil-21 ta' Jannar 2009, liema ammissjoni huma kkonfermaw wara li nghataw hin bizzejjed biex jahsbuha.**

**Galadarba saret din l-ammissjoni, l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati gew ppruvati skond il-ligi.**

**L-imputati ghazlu minn jeddhom li jibqghu quddiem din il-Qorti wara li nqraw l-Artikoli lilhom.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli fil-konfront ta' Antoine Cassar, 214 u 216(1)(a) tal-Kap 9, 339(1)(d) tal-Kap 9, 339 (1)(e) tal-Kap 9, 338(bb) tal-Kap 9, 338 (dd) tal-Kap 9, 49 u 50 tal-Kap 9, 382A, 383, 384, 386, 412C tal-Kap 9 u 17, 23, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt illi fil-konfront ta' Kevin Portelli rat l-Artikoli 42(d)(e), 214, 216(1)(a) tal-Kap 9, 339 (1)(d), 339 (1)(e) tal-Kap 9, 338(bb) tal-kap 9, 338(dd) tal-Kap 9, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u 382A, 383, 384, 386, 412C tal-Kap 9 u 17, 23, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib liz-zewg imputati hatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom. Dwar il-piena, meta l-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, qed tipprovdi kif gej:**

**Dwar l-ewwel u s-sitt imputazzjoni, flok tikkundanna lill-imputati qed tpoggiehom taht il-harsien ta' Probation Officer ghal perjodu ta' tliet snin millum.**

**Dwar l-imputazzjonijiet l-ohra kollha, jigifieri it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjoni, qed tikkundannahom ihallsu multa ta' 235 Euro kull wiehed fi zmien xahar millum.**

Il-Qorti spjegat l-Artikolu 7 tal-Kap 446 lill-imputati fi kliem semplici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------